# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novemru 2001

**Numru**

**Citaz. numru 991/90DS**

Avukat Dottor Robert Staines in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera "Guardian Royal Exchange Assurance PLC" kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha s-socjeta` "Valhmor Borg (Imports/Exports) Ltd"

vs

Joseph Apps in rapprezentanza tas-socjeta` "Sea Malta Co. Ltd.", u

Godwin Abela u Lawrence Lautier bhala rapprezentanti tal-kumpanija "The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 16 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Settembru 1990 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' "Valhmor Borg (Import/Exports) Ltd." Importat mill-Amerika container tal-friza b'kunsennja fwied tac-canga tal-friza li waslet wara t-trasbord Livorno permezz tal-vapur SL ASHTEVER u permezz tal-vapur PINTO skond polza ta' kariku ta' l-ewwel vapur DOK. A u tat-tieni vapur DOK. B;

Illi meta dan il-container gie skarikat minn fuq il-vapur PINTO F'Laboratory Wharf, f'idejn il-kuntratturi tal-port, il-kumpanija "The Cargo Handling Co. Ltd", l-istess kuntratturi tal-port ma ghamlux dak mistenni minnhom u cioe' li jikkonetwaw l-istess container mal-mezzi tal-elettriku sabiex il-container jibqa jzomm it-temperatura adattata ghall-konsenja de quo u ghalhekk saret il-hsara fil-konsenja u kella tintrema;

Illi ghal din il-hsara l-assikurazzjoni kif obbligata, hallset ghad-dannu s-somma ta' seba telef tmien mija u disa u erbghin lira Maltin (Lm7849) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijet tal-importatur (Dok. C);

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom, huma responsabbli ghal din il-hsara;

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. jigu l-konvenuti nomine dikjarati responsabbli ghall-hsara fuq indikata;

2. u jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' seba telef tmien mija disa u erbghin lira Maltin (Lm7849) in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' importatrici u surrogat lill-attur nomine, bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga Dok. C maghmula mill-attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija preskritta skond il-ligi u cioe' a tenur tas-sub-inciz (a) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance.

2. Illi fit-tieni lok bla pregudizzju ghall-premess il-konvenuti noe jissollevaw li ma' humiex fi kwelunkwe kaz risponsabbli ghall kwalunkwe danni allegati stante li l-Gate Pass Out Numru 026038 huwa bla rimarki kif jirrizulta. (Dok. AA1).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia solevati t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-assikurat tal-attur noe ma' ghamel xejn bhal f'kazi simili biex jiehu l-Container "Direct Delivery" mill-vapur in kwistjoni, kif dejjem sar rigward "Frozen Meat".

Salvi eccezzjonijiet ohra:-

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps nomine fejn qal:

In linea preliminari illi ismu jinsab spellut hazin fic-citazzjoni billi irid jigi spellut Apps u ghalhekk trid tintalab mill-attur id-debita korrezzjoni;

Fil-mertu illi huma kkonsenjaw il-merkanzija lill-konvenuti The Cargo Handling Co. Ltd. fi stat tajjeb u bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghan-nuqqas allegat fic-citazzjoni u cioe' li ma kkonnettewx il-container ma mezzi tal-elettriku sabiex il-container izomm it-temperatura addatta ghall-konsenja.

Rat id-digriet tal-5 ta' Dicembru 1991 li permezz tieghu ntlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju kull fejn jirrikorri ta' kunjom il-konvenut "Apse" biex jigi mibdul ghal "Apps";

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps nomine fejn qal:

Fil-mertu illi huma kkonsenjaw il-merkanzija lill-konvenuti The Cargo Handling Co. Ltd fi stat tajjeb u bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghan-nuqqas allegat fic-citazzjoni u cioe' li ma kkonettewx il-container ma mezzi tal-elettriku sabiex il-container izomm it-temperatura addatta ghall-konsenja.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tas-27 ta' April 1992 fejn giet nominata l-Avukatessa Dottor Anna Felice bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza

tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-8 ta' Jannar 1996 fejn ghall-imsemmija perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino;

Rat id-digriet tat-2 ta' Novembru 1998 fejn intlaqghet it-talba ta' l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicno biex l-inkarigu tieghu jigi revokat u ghalih giet sostitwita l-Avukatessa Dottor Paula Mifsud Bonnici;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar 2000 fejn intlaqghet it-talba ta' l-Avukatessa Dottor Paula Mifsud Bonnici u gie revokat l-inkarigu taghha;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

1. Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. sollevat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 45 tal-Port Ordinance. Dan l-artikolu, in kwantu jirrigwarda l-perijodu preskrittiv, kien jipprovdi hekk:

   *"Notwithstanding the provisions of any other law no action shall lie against the Director of Ports or a contractor in relation to his responsibilities as a carrier or warehouseman of goods in accordance with the provisions of this Ordinance, unless –*

   *...*

   *(b) the action is commenced within a period of twelve months from the date upon which such goods are accepted by the Director of Ports or the contractor as the case may be".*

2. Mhuwiex kontestat li s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. hija l-kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet. Mill-provi jirrizulta li l-vapur PINTO wasal Malta fit-2 ta' Settembru 1989 u jidher li l-*container* in kwistjoni gie zbarkat dakinhar stess. Dan ifisser li gie accettat mill-kuntrattur fit-2 ta' Settembru 1989. L-azzjoni odjerna giet intavolata fit-3 ta' Settembru 1990. Issa l-artikolu 2139 tal-Kodici Civili (Kap 16) ighid hekk dwar meta taghlaq il-preskrizzjoni:

> *"(1) Il-preskrizzjoni taghlaq minnufih li jghaddi l-ahhar jum taz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni.*
>
> *(2) Izda, jekk l-ahhar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, il-preskrizzjoni taghlaq malli jghaddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx Sibt jew btala pubblika."*

3. Fil-kaz in ezami huwa applikabbli s-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 2139. Difatti c-citazzjoni giet intavolata fil-gurnata tat-**Tnejn**, 3 ta' Settembru 1990, cioe` fl-ewwel jum ta' wara btala pubblika. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi michuda.

4. Fil-mertu s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. issostni li m'ghandha l-ebda responsabbilta` peress li (i) il-*gate pass-out* (esebit bhala Dok. AA1 man-nota ta' l-eccezzjonijiet) huwa bla rimarki, u (ii) is-socjeta` importatrici m'ghamlet xejn bhal f'kazi simili biex tiehu l-*container* b'*direct delivery* mill-vapur. Is-socjeta` konenuta l-ohra Sea Malta Co. Ltd. ukoll tichad responsabbilta` u ssostni li kkonsenjat il-merkanzija fi stat tajjeb, specifikatament li ma hijiex responsabbli ghan-nuqqas allegat fic-citazzjoni li l-*container* ma giex ikkonnettjat ma' l-elettriku.

5. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` Valhmor Borg (Imports/Exports) Ltd. kienet ordnat konsenja fwied tac-canga minghand *traders* bl-isem ta' Tancred Bros. Il-*container* li fih kien hemm din il-konsenja gie trasportat sa Livorno permezz tal-vapur SL ASHTEVER u minn hemm permezz tal-vapur PINTO sa Malta fejn gie skarikat Laboratory Wharf fit-2 ta' Settembru 1989.

6. Il-poloz ta' kariku li akkompanjaw il-*container* jirrizultaw *clean on board* izda fuqhom ma jirrizultax l-isem tad-destinatarju finali, cioe` s-socjeta` lokali importatrici msemmija. Hadd mill-partijiet ma esebixxa t-*tally sheets* relattivi ghal din il-merkanzija, u ghalhekk, fl-assenza ta' prova kuntrarja, jista' jigi prezunt li l-*container* bil-kontenut tieghu wasal fi stat tajjeb. Jidher li s-socjeta` konvenuta Sea Malta Co. Ltd. ppruvat tirrintracca d-destinatarju izda minghajr success.

7. Issa meta merkanzija tigi skarikata minn fuq vapur, tghaddi taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. Din is-socjeta` allegat li ma tistax titqies responsabbli ghad-danni sofferti peress li l-*gate pass-out* huwa bla rimarki. F'dar-rigward annettiet man-nota ta' l-eccezzjonijiet tahhha kopja ta' dan id-dokument fejn insibu stampati l-kliem *"Received the goods in good order and condition with the following exceptions:-"* Ir-rimarka li nkitbet hija: *"Container apparently in good condition"*.

8. Il-Qrati taghna diga` kellhom opportunita` jikkummentaw fuq l-importanza tat-*tally sheet* u tal-*gate pass-out*. Anke din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha moghtija fil-15 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe** kellha okkazjoni tghid hekk:

*"Ir-ricerka ghar-responsabilta' hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta' zewg mumenti fokali:*

*(1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabbilta` ta' l-armatur, u*

*(2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabbilta` tal-Cargo Handling.*

*Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha juris tantum tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-tally sheet; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-Gate Pass Out. Il-partijiet ghandhom l-opportunita` a tempo vergine fil-kompilazzjoni ta' dawn id-dokumenti li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Dawn id-dokumenti ghandhom ghalhekk ikunu prova tal-kontenut ta' dak illi gie ddikjarat. Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom."*

9. Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-*gate pass-out* jindika li l-*container* kien *"in apparently good condition"*, ma jghid xejn dwar il-kontenut tieghu. Fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-kontenut kellu jigi distrutt. Il-*container* in kwistjoni kien *refrigerated*, naturalment minhabba n-natura tal-kontenut tieghu, u sahansitra l-poloz ta' kariku kienu jindikaw li t-temperatura trid tinzamm *"0 degrees Fahrenheit or below"*. Is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd., li hadet in konsenja dan il-*container*, ma tistax tghid li ma kenitx taf x'kien fih il-*container* u lanqas li ma kenitx taf li l-*container* kellu jigi kkunnettjat ma'

l-elettriku sabiex tinzamm it-temperatura mehtiega. Galadarba haditu in konsenja, tghabbiet bir-responsabbilta` biex tosserva d-diligenza rikjesta biex tara li jibqa' intatt mhux biss minn barra, izda b'mod partikolari li jibqa' intatt il-kontenut tieghu.

10.Brian Pantalleresco, *freight clerk* mas-socjeta` importatrici, qal fl-affidavit tieghu li fid-19 ta' Settembru 1989 kien jahdem bhala *shipping clerk* ma' dik is-socjeta` u kien qieghed ix-xatt fuq xoghol meta l-burdnar Guzi Falzon qallu li kien hemm *container* bid-demm hiereg minnu u kien jinsab fl-*area* ta' *Shed 3*. Huwa vverifika dak li kien qallu Falzon u ghalkemm ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fuq il-*container* li kien destinat lilhom, cempel lil Martin Borg, superjur tieghu, biex ighidlu b'dak li kien gara.

11.Martin Borg xehed li meta gie nfurmat dwar il-*container*, ikkuntattja lil Tancred Bros. u kkonferma li l-*container* kien taghhom. Ghalhekk baghat *telex* lis-Sea Malta li min-naha taghha wiegbet bit-*telex* esebit bhala Dok. F a fol.15. Fuq talba tas-Sea Malta l-*container* intbaghat il-Free Port fejn hemm hekk gie kkunnettjat ma' l-elettriku. Billi rrizulta li l-kontenut kien thassar dan gie distrutt u s-socjeta` importatrici ghamlet *claim* mas-socjeta` assiguratrici attrici u in effetti thallset tieghu.

12.Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd, ma tistax tezimi ruhha mir-responsabbilta` bil-produzzjoni tal-*gate pass-out*. Il-*container* kien wasal Malta fit-2 ta' Settembru 1989 u thalla fuq il-moll sad-19 ta' Settembru 1989 minghajr ma tat kaz tieghu, minghajr ma hadet l-inizjattiva li kull ma kellha taghmel kienli tikkunnettjah ma' l-elettriku. Inoltre l-imsemmi *gate pass-out* gie rilaxxjat fis-27 ta' Settembru 1989 meta l-*container* ittiehed mill-burdnar biex il-kontenut jigi distrutt.

13. Din is-socjeta` konvenuta pero` qed tghid ukoll fl-eccezzjoni ulterjuri taghha li l-importatur stess ma ghamel xejn biex jiehu l-*container* direttament mill-vapur. Huwa ovvju li s-socjeta` importatrici ma setghetx taghmel dan peress li ma kenitx infurmata dwar il-wasla tal-vapur. Meta saret taf li l-*container* kien effettivament Malta, hadet passi immedjati billi hejjiet id-*declaration and disposal order* (u dan fl-istess gurnata tad-19 ta' Settembru 1989) li jidher li gie pprezentat lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. fl-20 ta' Settembru 1989 meta gie ccertifikat minn George Baldacchino, skrivan ma' din is-socjeta`, li awtorizza r-rilaxx meta jigi prodott id-*delivery order*. Fil-fatt id-*delivery order* igib id-data tas-27 ta' Settembru 1989, data meta allura l-*container* ittiehed mill-Free Port biex jigi distrutt il-kontenut.

14. Il-Qorti lanqas ma taqbel ma' l-eccezzjoni ulterjuri ta' din is-socjeta`1 konvenuta peress li, anke kieku s-socjeta` importatrici kienet taf bil-wasla tal-*container* u ma marritx tirtirah, ma jfissirx li allura s-socjeta` konvenuta msemmija ghandha dritt tinsa d-doveri taghha kollha biex tiehu hsieb l-merkanzija li tinsab taht il-kustodja taghha bid-diligenza ta' *bonus paterfamilias*.

15. Ghaldaqstant, filwaqt li s-socjeta` konvenuta Sea Malta Co. Ltd. ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici, is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. ghandha tbatihom hi ghat-traskuragni li wriet f'dan il-kaz.

16. L-ammont li qed jigi mitlub mis-socjeta` attrici huwa ta' Lm7849. mid-dokumenti esibiti jirrizulta bla dubju ta' xejn li dan l-ammont thallas lis-socjeta` importatrici li kienet diga` hallset lill-esportaturi ghall-konsenja in kwistjoni. Ghalhekk it-talba hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Co. Ltd. u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. u

(1) tiddikjara lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. responsabbli ghall-hsara fuq indikata, u
(2) tikkundanna lill-istess socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm7849 in linea ta' danni sofferti mis-socjeta` importatrici u surrogat lill-istess socjeta` attrici bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. salv dawk tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. li jithallsu mis-socjeta` attrici.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur